

32007R0342

30.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 90/23

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 342/2007

tad-29 ta' Marzu 2007

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 489/2005 rigward id-determinazzjoni taċ-ċentri ta' l-intervent u t-teħid tar-ross fil-ħliefa (*paddy*) mill-aġenziji ta' l-intervent wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 7(5) tiegħu,

regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (3), kif ukoll il-medji tal-produzzjoni li jingħataw fl-Anness VII ta' l-istess Regolament. Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, jinħtieġ li dan it-tqassim bejn l-Istati Membri produtturi jiġi rrivedut, billi jiġu applikati l-istess kriterji ta' tqassim użati fl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 489/2005, iżda billi jittieħed kont ukoll taż-żoni bażi tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

(3) Għaldaqstant, huwa floku li r-Regolament (KE) Nru 489/2005 jiġi emendat.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

(1) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 jistipula li l-elenku taċ-ċentri ta' l-intervent għat-teħid tar-ross fil-ħliefa (*paddy*) għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri. Dan l-elenku jidher fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 489/2005 tad-29 ta' Marzu 2005 dwar regoli ddettal-jati għat-twettiq tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 rigward id-determinazzjoni taċ-ċentri ta' l-intervent u t-teħid tar-ross fil-ħliefa (*paddy*) mill-aġenziji ta' l-intervent (2). Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, jinħtieġ li jiġu ddeterminati c-ċentri ta' l-intervent għal dawn l-Istati Membri l-għoddha u li jkunu inklużi fl-elenku msemmi.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 489/2005 huwa emendat kif ġej:

(2) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 jillimita għal 75 000 tunnellata l-kwantitajiet li jistgħu jinxraw mill-aġenziji ta' l-intervent mal-Komunità kollha. Biex din il-kwantità titqassam b'mod ġust, il-kwantitajiet għal kull Stat Membru produttur ġew stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 489/2005, fil-qies taż-żoni bażi nazzjonali stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi

1) L-Anness I huwa emendat skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2) L-Anness V huwa mibdul bit-test ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).

(2) ĠU L 81, 30.3.2005, p. 26.

(3) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2013/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membra tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS I

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 489/2005, jiżdiedu l-punti 7 u 8 li ġejjin:

**"7. Il-Bulgarija"**

Ir-Reġjuni	L-ismijiet taċ-ċentri ta' l-intervent
Пазарджишка област	Пазарджик
Пловдивска област	Пловдив
Старозагорска област	Стара Загора

**8. Ir-Rumanija**

Ir-Reġjuni	L-ismijiet taċ-ċentri ta' l-intervent
Ialomita	Slobozia"

## ANNESS II

## "ANNESS V

**Tranche nru 1 imsemmija fl-Artikolu 5**

L-Istat Membru	Tranche nru 1
Il-Bulgarija	584 t
Il-Greċja	4 636 t
Spanja	20 320 t
Franza	4 148 t
L-Italja	40 432 t
L-Ungerija	305 t
Il-Portugall	4 549 t
Ir-Rumanija	26 t"